



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6749/24

UEM 37

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar
l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali,
fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Jannar 2024 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg (BĊE/2024/3)¹,

¹ ĠU K, C/2024/1363, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1363/oj>.

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banque centrale du Luxembourg, Ernst & Young S.A., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2023. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-sena finanzjarja 2024 'il quddiem.
- (3) Il-Banque centrale du Luxembourg għażel lil KPMG Audit S.à r.l. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li KPMG Audit S.à r.l. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028.
- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE¹ tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. KPMG Audit S.à r.l. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banque centrale du Luxembourg għas-snin finanzjarji 2024 sa 2028."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
